MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-18 ta' Awwissu, 2008

Rikors Numru. 749/2008

**Fl-atti tal-mandat ta’ qbid numru 644/2008 fl-ismijiet:**

**Avv. Kenneth Grima nomine**

**vs**

**Dr. Renzo Porsella Flores et nomine**

Il-Qorti

Rat ir-rikors tas-socjeta Hembingo Limited;

Rat id-digrieti taghha precedenti;

Rat ir-risposta tas-socjeta estera Boss Media AB;

Rat ir-risposta tas-socjeta Trillion Limited;

Semghet id-didensuri tal-partijiet;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tar-rikorsi numru 755/08, 773/08, u 739/08 li gew trattati kontestwalment mal-presenti rikors;

Is-socjeta rikorrenti Hembingo Limited hi klijent tas-socjeta estera Boss Media AB u b'hekk tinqeda bl-oggetti maqbuda ghan-negozju taghha. Fil-presenti rikors l-istess socjeta Hembingo Limited qed titlob, bil-ghan li jigu minimizzati d-danni lill kull parti interessata inkluza s-socjeta rikorrenti, li jigi provdut, fl-eventwalita' li jigi ordnat li tissokta l-elevazzjoni, sabiex ix-"shut down" tas-"servers" issir b'tali mod li ma jigux pregiudikati d-drittijiet u l-interessi tas-socjeta rikorrenti kif ukoll tal-laghba u klienti taghha biex b'hekk tigi garantita kontinwita tal-attivitajiet kummercjali tas-socjeta esponenti u dan kollu okkorrendo bl-intervent u/jew taht is-supervizjoni u/jew bl-appllikazzjoni tad-direttivi tal-Lotteries and Gaming Authority;

Issir referenza ghad-digriet ta' din il-Qorti (kif presjeduta) li gie mghoti illum stess fl-imsemmi rikors numru 755/08. Il-premessi u l-provedimenti kollha, fl-imsemmi digriet tallum, ghandhom japplikaw ghal presenti rikors. Fl-imsemmi digriet tallum stess, fost affarijiet ohra, gie provdut li l-elevazzjoni tal-oggetti maqbuda issehh fit-18 ta' Settembru 2008 u li nghata terminu li fih ghandha issehh l-elevazzjoni appuntu sabiex terzi jkunu jistghu jissalvagwardjaw id-drittijiet u l-interessi taghhom. Ghalhekk gia gie provdut dwar it-talbiet kif dedotti f'dan ir-rikors. Jekk ghandux ikun hemm xi intervent minn xi awtorita' jew xi terz iehor hi kwestjoni li trid semmai tigi risolta mill-istess socjeta rikorrenti, dejjem pero' fil-limiti tal-ligi;

Ghalhekk il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan ir-rikors;

Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet kollha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------